MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Numru. 111/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 17 TA’ APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**VICTOR STELLINI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Victor Stellini ta' 30 sena, bin Francis u Victoria nee' Raggio, mwieled nhar is-6 ta' Jannar 1978, u residenti fil-fond Nru. 40/3, Triq Spinola, San Giljan, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 63078(M);

Li gie mressaqa quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1. nhar id- 9 ta' Jannar 2008, f' xi hin matul il- lejl, f' tas- Sliema, ikkometta serq ta' diversi oggetti u cioe oggeti tad- deheb minn fond sitwat Nru 189/7, Triq it- Torri, liema serq hu kwalifikat bil- hin, mezz, lok u valur li jaccedi l- elfejn, tlett mija u tletin ewro ( € 2330) liema serq sar ghad- detriment ta' Lucia Fenech;

2. nhar id- 19 ta' Jannar 2008 f' xi hin matul il- lejl, f' tas- Sliema, ikkometta serq ta' diversi oggetti fosthom computer monitor, flus kontanti u arloggi minn fond sitwat Nru 136/15, Triq ir- Torri, liema serq hu kwalifikat bil- hin, mezz, lok u valur li jaccedi l- elfejn, tlett mija u tletin ewro (€ 2330), liema serq sar ghad- detriment ta' Vincent Lewis Miceli;

3. nhar l- 1 ta' Frar 208 , f' xi hin matul il- lejl, f' tas- Sliema, ikkometta serq ta' diversi oggetti fosthom plasma television , DVD player, u oggetti antiki tal- fidda minn fond sitwat NRu 175/16, Triq it- Torri liema serq hu kwalifikat bil- hin, mezz, lok u valur li jaccedi l- elfejn, tlett mija u tletin ewro (€ 2330), liema serq sar ghad- detriment ta' Antonio Preca;

4. nhar l- 1 ta' Frar 2008, f' xi hin matul il- lejl, t' tas- Sliema, ikkometta serq ta' diversi oggetti fosthom plasma television, DVD player u radio minn fond sitwat Nru 177/8, Triq it- Torri, liema serq hu kwalifikat bil- hin , mezz, lok u valur li jaccedi il- mitejn u tlieta u tletin ewro (€ 233) izda ma jaccedix l- elfejn tlett mija u tletin ewro ( € 2330), liema serq sar ghad- detriment ta' Alfredo Borg;

5. nhar 4 ta’ Frar 2008, f’ xi hin matul il- lejl, f’tas- Sliema, ikkometta serq ta’ diversi oggetti fosthom LCD television, nuccali u hwejjeg ohra, minn fond sitwat Nru 175/15, Triq it- Torri, liema serq hu kwalifikat bil- hinn, mezz , lok u valur li jaccedi il- mitejn u tlieta u tletin ewro (€ 233) izda ma jaccediex l- elfejn , tlett mija u tletin ewro ( € 2330), liema serq sar ghad- detriment ta’ Vincent Roberto Jarrat;

6. fl- ahharnett talli fl- istess dati , hinijiet u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenzi li saru deffenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, waqt l-ezami tieghu bla gurament ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, hu ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni hu rega’ kkonferma wara li l-Qorti tat zmien xieraq skond il-ligi biex jikkonsidra l-konsegwenzi taghha;

Rat illi ghalhekk ai termini tal-istess Artikolu, il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation esebit illum stess;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-piena;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 279(a) u (b), 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Victor Stellini hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' tlett (3) snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------